MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 34/2004

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Vincent Borg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' telef, u tnejn u sebghin lira Maltin (LM 4072) rapprezentanti :
(a) in kwantu ghal LM 1620 (A/C 001306624) import ta' hmistax (15) il-kambjala, kollha ta' LM 108 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2002 sa Jannar 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti minn 1 sa 15 konsekuttivament u inklusivament; u
(b) in kwantu ghal LM 2452 (A/C 011300384) import ta' erbatax (14) il-kambjala, wahda ta' LM 47 (bilanc) u tlettax

ta’ LM185 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2002 sa Jannar 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 16 sa 29 konsekuttivament u inkusivament;

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sad-19 ta’ Jannar, 2004 jammontaw ghal LM 216, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut fit-3 ta’ Marzu, 2004 li permezz taghha huwa ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz u bl-appuntament tal-kawza u ammetta it-talba attrici.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ erba’ telef u tnejn u sebghin lira Maltin (LM 4072) bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------